**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 126/99**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Maurice Curmi)**

**vs**

**Anton Agius ta' 20 sena, iben Joseph Anthony,**
**u Agnes nee Borg, mwieled Pieta' fit-22 ta' Gunju,**
**1978, u joqghod 'Weehame', Triq Bordin, Pieta',**
**detentur tal-karta ta' l-identita' numru 291378 (M).**

**Illum 20 ta' Settembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anton Agius u Daniel Chapman li gew akkuzati talli fis-27 ta' Jannar, 1998, ghall-habta tas-1.00 a.m. fi Triq Birbal, Balzan ikkommettew serq ta' vettura tal-ghamla 'VW Beetle', numru ta' registrazzjoni JAZ-753, a detriment ta' Vladimir Brajkovic, liema serq hu kwalifikat bil-hin, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzati wkoll talli f'Awissu, 1998 u fiz-zmien ta' qabel, xjentement f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, u cioe ta' vettura tal-ghamla 'VW Beetle',

numru ta’ registrazzjoni JAZ-753, ta’ valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000) a detriment ta’ Vladimir Brajkovic, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati talli f’Awissu, 1998 u fiz-zmien ta’ qabel u fl-istess cirkostanzi sabiex jikbsu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi wahhlu set ta’ number plates foloz (JAD-053) fuq l-imsemmija vettura u cioe fuq il-vettura ta’ l-ghamla ‘VW Beetle’ (numru ta’ registrazzjoni JAZ-753), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat li din il-Qorti laqghet it-talba ghas-separazzjoni ghal gudizzju fl-4 t’Ottubru, 1999 u ghalhekk din id-decizjoni hi biss fil-konfront ta’ l-akkuzat ANTON AGIUS.

Rat l-istqarrijiet.

Rat il-fedina penali.

Issibu hati tat-tieni u t-tielet akkuza.

Rat il-fedina penali tieghu, semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet. Rat li llum Anton Agius qed jipprova bl-ghajnuna tal-familja tieghu li jmexxi fit-triq it-tajba.

Ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum wara li rat l-Art 9 tal-Kap 152. Tilliberah mill-ewwel akkuza.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.